**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2023

**Il-Ħamis 23 ta' Frar, 2023**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier ***(daħlet online fil-17:30)***

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

03.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill kien konxju li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kien qed jattendi laqgħa tar-Reġjun Lvant, iżda peress li ma bagħat ebda talba formali t'apoloġija, qed jiġu meqjus bħala assenti.

## 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/K8/2023.

03.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K8/2023 kif ippreżentati.

03.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/K8/2023.

03.3.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K8/2023 kif ippreżentati.

03.3.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0763/23/I** Talba biex fil-passaġġ li hemm fis-soft area ta' bejn Triq Patri Indri Vella u Triq Luigi Billion, isir railing minħabba li l-art tiżloq ħafna.

03.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0763/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba u ippropona li tinġabar stima mingħand il-kuntratturi tal-Kunsill B. Grima & Sons u J&K Contractors biex isir railing bil-key clamps, hekk kif sar fi bnadi oħra.

03.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0768/23/I** Poster mingħand l-Active Ageing biex jitqassam fid-djar tal-lokal.

03.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0768/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jafferma d-deċiżjoni tiegħu li dan jitqassam fid-djar tal-lokal permess tas-servizz tal-Maltapost.

03.4.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0817/23/I** Email mingħand kumpanija privata toffri servizzi lill-Kunsill biex japplikaw għall-Community Greening Grant.

**46/1112/23/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant dwar Project Green - Community Greening Grant.

03.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0817/23/I u 46/1112/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu nota tal-possibilità li naħdmu ma' kumpanija speċjalizzata fuq xogħol li l-Kunsill jista` jiġi bżonn, għalkemm naturalment l-ingaġġ ta' kumpanija simili fuq direct order jaf ikun problematiku minħabba komplikazzjonijiet li jista' joħloq marbuta mal-*public procurement*. Minkejja kollox huwa dejjem utli li l-Kunsill ikun konxju tal-possibilità` li jirrikorru għal servizzi speċjalizzati f'xogħol li spiss nsibu li neqsin minnu. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill iqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara d-dokumenti kollha li hemm bżonn biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

03.4.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0861/23/I** Email mingħand IM dwar iż-żamma u l-manutenzjoni ta' siġar u arbuxelli li tħawwlu u l'issa wasal iż-żmien li jaqgħu f'idejn il-Kunsill.

03.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0861/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jissokta bil-komunikazzjoni li għaddejja fil-preżent sabiex jiġi assikurat li dak li fil-fatt qiegħed jingħad li ser jiġi mgħoddi lil Kunsill, l-ewwel u qabel kollox ikun fis-sit. Sa issa irriżulta li hemm siti li minkejja li ġew landscaped, fihom sew inqas minn dak li kien maħsub għalihom u li bla dubju, tħallas tagħhom kuntrattur li wara kollox kien obbligat jassigura li dak li ħawwel ikun mantnut sewwa fil-*maintenance period* kopert minn IM. Għalhekk filwaqt li l-Kunsill għandu jissenjala l-ħsieb tiegħu li jieħu f'idejh dawn l-artijiet u l-manutenzjoni tagħhom, dan għandu jsir wara li jkun hemm konferma tal-ammonti.

03.4.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0888/23/I** Ittra mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill jitlob li jiġi kumpensat għaż-żieda fl-ispejjeż tat-tipping fees imposti minn Wasteserv.

**46/1361/23/I** Partit tal-Avukati tal-Kunsill li jkun għaqli li jintalab il-parir tad-DGL u/jew eventwalment tad-DOC.

03.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0888/23/I u 46/1361/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill fil-prinċipju ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tal-kuntrattur suġġett l-approvazzjoni tal-awtoritajiet konċernata.

03.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0960/23/I** Email mingħand kuntrattur futur tal-Kunsill jaċċetta kundizzjonijiet tal-Kunsill kif ser jipproċedi sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt.

03.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0960/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipprosegwi bl-ordnijiet ta' xogħol u l-obbligazzjonijiet tat-tender pendenti l-proċess amministrattiv li jonqos da parti tal-kuntrattur, li diġa aċċetta li ma jitħallas ta' xejn mix-xogħol imsemmi qabel ma' jforni d-dokumenti meħtieġa.

03.4.17 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1028/23/I** Ċir AKL 2023-014 - ECAD Membership 2023

**46/1058/23/I** Email mingħand ir-Reġjun Lvant jinfurmaw lill-Kunsill li ser jaraw jekk il-miżata tal-ECAD terġax titħallas mir-Reġjun.

03.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1028/23/I u 46/1058/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-ħlas isir mir-Reġjun. Il-kelliem żied li jekk kemm il-darba dan ma jsirx, tiskatta d-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill, jiġifieri li ma jġedditx is-sħubija.

03.4.20 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1030/23/I** Stima mingħand il-J&K Contractors ta' €6,993.98 biex jinżebgħu l-bankini quddiem 3 blokki.

03.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1030/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel l-ordni tax-xogħol imsemmi.

03.4.23 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1031/23/I** Email mingħand il-Pembroke Athleta Athletics & Triathlon Club jitolbu l-permess u l-għajnuna tal-Kunsill għall-maratona annwali li ser tinżamm nhar il-31 ta' Marzu.

03.4.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1031/23/I** fejn il-Kunsill staqsa lill-Viċi Sindku Omar Arab dwar jekk kemm il-darba din l-attività ser tkun qed tifforma parti mill-attivitajiet tal-European Region of sports, dak mitlub mill-Kunsill huwiex ser jiġi provdut mir-Reġjun, l'iżda peress li ma kienx preżenti ma setax iwieġeb. Il-kelliem ippropona li jekk l-għajnuna mhux ser tingħata mir-Reġjun, il-Kunsill għandu jmexxi bħas-snin preċedenti.

03.4.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1077/23/I** Email mingħand resident dwar miżuri ta' protezzjoni favur in-naħal.

03.4.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1077/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lill-għaqda nkarigata sabiex tipproteġi din il-kolonja dwar l-ilment u tipprovdi feedback da parti tagħha sabiex ikun evalwat mill-Kunsill u b'mod speċjali jiġi mwieġeb jekk huwiex minnu li dak li qed isir minnhom jipperikola l-kolonja tal-lokalita` b'mod wiesa`, qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni oħra. Fil-prinċipju għandna nuru d-disponibilita` tagħna li nieħdu parir minn għaqda speċjalizzata li l-interess tagħha m'għandniex niddubitaw li huwa favur in-naħal u t-tkattir tan-numri tagħhom.

03.4.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**03.4.31 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat ingħaqdet fil-laqgħa fil-17.30.**

**46/1081/23/I** Email mingħand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet dwar koperazzjoni mal-Kunsill biex jiġu nstallat drip irrigation f'postijiet li kien indika l-Kunsill.

**46/1424/23/I** Sottomissjoni Claims-SPI 7-19 - Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni

03.4.32 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1081/23/I u 46/1424/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jissuġġerixxi li dawn is-sistemi jintramaw f'siti ta' landscaping li mminentament ser ikun qiegħed imantni l-Kunsill prinċipalment fi Triq Burma/Triq il-Mediterran/Triq Salvatore Castaldi, u possibbilment il-masġar żgħir biswit Ġnien l-4 ta' Lulju.

03.4.33 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1082/23/I** Stima ta' €1,950 eskluż il-Vat mingħand il-Perit tal-Kunsill biex isir land survey tat-tlett toroq li minn Triq il-Mediterran jagħtu għal-kosta.

03.4.35 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1082/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jafferma l-ordni tiegħu għal tali xogħlijiet marbuta mal-proposta li għad trid issir lill-Infrastruttura Malta.

03.4.36 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1107/23/I** Stima mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar ix-xogħol t'upgrading għal Ġnien fl-akwata ta' San Patrizju.

**46/1289/23/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill jitlob l-awtorizzazzjoni biex japplika permess DNO mal-PA.

03.4.38 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1107/23/I u 46/1289/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill imexxi bl-applikazzjoni f'dan l-istadju u jkompli bid-diskussjoni immedjatament mal-perit sabiex jiġu ċċarati l-aspettattivi tal-Kunsill dwar x'materjal għandu jintuża u dettalji oħra.

03.4.39 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1131/23/I** Talba mingħand l-AFM biex bejn l-24 u s-26 ta' Marzu 2023 jorganizzaw attività b'għan filantropiku.

03.4.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1131/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jassisti billi jipprovdi *no objection fil-prinċipju* da parti tiegħu bil-kundizzjonijiet li solitament isiru, inkluż il-permessi meħtieġa minn entitajiet oħrajn bħal Nature Trust (Malta) u ERA (peress li parti mill-attività ser issir fuq iż-żona Natura2000, u polza li tkopri riskju ta' terzi, apparti u oħrajn li ġew diskussi fl-email.

03.4.42 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1171/23/I** Email relatata ma' PA 08886/19 fejn qed jitlob li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-PA jirrilaxxa l-Garanzija Bankarja.

**46/1457/23/I** Email relatata ma' PA 05133/17 fejn qed jitlob li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-PA jirrilaxxa l-Garanzija Bankarja.

03.4.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1171/23/I u 46/1457/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talbiet t'hawn fuq.

03.4.45 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1215/23/I** Email mingħand il-kumpanija GO plc jitolbu laqgħa mal-Kunsill biex jiddiskutu opportunitajiet ta' kif jistgħu jikkollaboraw flimkien biex jinfurmaw lir-residenti ta' Pembroke dwar l-investiment tagħna fil-lokalita'.

03.4.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1215/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob l'issir laqgħa magħhom biex jiġi diskuss f'aktar dettal dak mitlub minnhom

03.4.48 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1233/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili dwar is-servizz tal-CM.

03.4.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1233/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill perjodikament ikollu lmenti dwar il-kwalità jew nuqqas tas-servizz tiegħu, u għalhekk ippropona li tinħareġ default notice għan-nuqqasijiet tiegħu.

03.4.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.53 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-CM biex il-Kunsill jifhem għala dak li qed jintalab mhux qed jingħata, forsi hemm nuqqas ta' komunikazzjoni.

03.4.54 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-CM.

03.4.55 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1288/23/I** Email mingħand il-PA dwar PA 01060/20 - Red Cross to sanction alterations from approved permit PA5443-10.

03.4.57 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1288/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill isostni l-oġġezzjonijiet tiegħu li dak li qed jiġi mitlub li jiġi sanzjonat jistona u ma jixraqx biswit bini storiku.

03.4.58 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1362/23/I** Kwotazzjoni biex jiżdiedu CCTV fuq barra ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta abbażi tal-proġett li ser jiġi ffinanzjat mill-LESA.

03.4.60 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1362/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima bħala direct order, peress li ser jintgħażel fornitur li kien intuża għall-kumplament tal-Ġnien u li ser tkun qed taqbad mas-sistema eżistenti.

03.4.61 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1411/23/I** GSSE 2023 - Pembroke Event (Is-Sibt 15 ta' April)

03.4.63 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1411/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill l-ewwel u qabel kollox jilqa` bi ħġaru l-opportunita` li jtella` attività li ser tingħata prominenza nazzjonali. Il-kelliem informa lill-Kunsill li huwa mistenni minnu li jorganizza esebizzjoni sportiva fil-beraħ, idealment waħda rappreżentata fil-logħob pjanat f'pajjiżna. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jaħdem fuq din l-inizjattiva fil-jiem li ġejjien bi tħejjija għall-attività, billi possibilment anke jitħawwlu siġar maturi biex jikkommemoraw l-avveniment.

03.4.64 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1425/23/I** Proposta emendata minn IM għall-upgrading ta' Triq Sant' Andrija li tinkludi l-junctions ta' St. Andrews, Pembroke, u Paceville.

03.4.66 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1425/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu l-ħin tiegħu sabiex serjament jikkonsidra l-pjanti provduti, kif ukoll fakkar li IM offriet l'issir laqgħa mal-periti tal-Kunsill sabiex il-pjanijiet jiġu mfissra aħjar u kwalunkwe diffikultà tiġi diskussa magħhom.

03.4.67 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.68 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1485/23/I** Talba biex pedestrian crossings fi Triq Alamein biex ikun aċċess aktar sikur bejn il-Pembroke P&R u l-Verdala International School.

03.4.69 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1485/23/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lill-persuna konċernata li diġa hemm zebra crossings fi Triq Alamein u Triq Normandy, u dan minħabba l-fatt li mhux permessibbli li jsiru biswit roundabouts.

03.4.70 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.71 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1486/23/I** Resident jirrakkomanda li fi Triq Pietru D'Armenia u l-akwata isiru pellican crossings u speed bumps.

03.4.72 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1486/23/I** fejn ippropona li ma jarax li hemm biżżejjed volum ta' traffiku li jiġġustifika li jkun hemm pellican crossings.

03.4.73 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.74 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1501/23/I** Talba mingħand impjegata tal-Kunsill biex taħdem numru ta' siegħat ta' xogħol ridotti.

03.4.75 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1501/23/I** fejn fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba skond il-parametri ta' PSMC.

03.4.76 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.77 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.78 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond Artiklu 70.(1) tal-Att, il-Kunsill għandu jżomm laqgħa annwali sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April fejn fiha jippreżenta r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

03.4.79 Fid-dawl ta' dan, Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-laqgħa annwali tinżamm nhar 30 ta' Marzu 2023 fil-17:00 fis-sala tal-Kunsill.

03.4.80 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.81 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.82 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li bħas-snin li għaddew il-Kunsill jorganizza l-attività ta' nhar Ħamis ix-Xirka fejn irrakkomanda li din is-sena l-mawra ssir Paola u l-Isla.

03.4.83 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.84 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.85 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li ladarba l-Kunsill kien għadu mingħajr tweġibiet konkreta dwar meta u fejn ser tinfetaħ Berġa fil-lokal, ippropona li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa Chris Fearn.

03.4.86 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.4.87 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 03.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 02/2023** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 15/K8/22 u 01/K8/23 **(Ara Dok. 1)**

03.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 02/2023** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.7 Programm t'attivitajiet għal Jum Pembroke 2023.

**46/0755/23/I** Email mingħand Chamber Muzik joffru s-servizzi mużikali tagħhom.

**46/0955/23/I** Email mingħand Leon Promotions joffru servizzi għal waqt attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

**46/1143/23/I** Email mingħand Bubbles Animation & Entertainment Ltd dwar Tribute Bands.

03.7.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li la l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ma kienx preżenti, dan l-item ser jitħalla għall-laqgħa li jmiss.

## 03.8 Servizz ta’ Ġbir ta’ Skart Goff.

03.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-tender attwali ser jiskadi fit-30 ta’ Ġunju.

03.8.2 Fid-dawl ta’ dan, is-Sindku Dean Hili ippropona li jibda l-proċess biex tinħareġ tender ġdida.

03.8.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.9 Servizz ta’ Cash collection.

**46/1347/23/I** Kwotazzjoni għal-servizz ta' Cash Collection (Ozogroup)

**46/1349/23/I** Kwotazzjoni għal-servizz ta' Cash Collection (City Security)

**46/1378/23/I** Kwotazzjoni għal-servizz ta' Cash Collection (G4s)

03.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li tintgħażel l-orħos offerta, u x-xogħol jinbeda wara li jintemm il-kuntratt preżenti.

03.9.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.10 Servizz ta’ Collection from Bring In Sites and WEEE.

03.10.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jikkomunika ma’ GreenPak u GreenMT dwar is-servizz ta’ Bring in Sites u l-WEEE.

03.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti.

03.11.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 2, 83, 4, 5, 6 u 7)**

03.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

03.11.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.12 Mozzjonijiet.

03.12.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 03.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.13.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-6:30pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 30 ta' Marzu, 2023**

| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
|---|---|
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 02/2023** **23 ta' Frar 2023**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 01/K8/23 u 03/K8/23

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 11 | 2023 | Mica Med | Tiġi msewwija l-lampa W030 fit-Triq Prof J.E Debono. |
| 14 | 2023 | Mica Med | Tiġi msewwija l-lampa R007 fit-Triq Pietru D'Armenia, Pembroke |
| 15 | 2023 | J&K Contractors | Tirrenġa gutter grill bejn Blokk A10 u A11 fi Triq Pietru D'Armenia |
| 18 | 2023 | Jake Borg | Mitlub tagħmel xogħol ta' patching f'dawn it-toroq: Triq Tobruk, Triq Giacchino Le Brun, Triq Suffolk, Triq Normandy (hot tarmac), Misraħ il-Paċi (hot tarmac), Triq Manuel Buhagiar, Triq Tunis, Triq Burma, u Triq Don Luigi Rigord |
| 19 | 2023 | Maltapost | Tqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke għall-prezz ta' €99 (Attivitajiet Anzjani) |
| 20 | 2023 | Mica Med | Mitlub sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-funtana li hawn quddiem il-Kunsill Lokali. |
| 21 | 2023 | Mica Med | Tiġi mitlub sabiex tiġi mixgħula s-salvavita ta' site A (A8/A9) ġewwa Triq Pietru D'Armenia u site B ġewwa Triq Pietro Rossell. |
| 22 | 2023 | B. Grima and Sons | Tinbidel mera miksura fi Triq Cassino |
| 23 | 2023 | J&K Contractors | Tirrenġa pavimentar maqlugħ fi Triq Pietro Rossell fejn il-bollards |
| 24 | 2023 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W109/46 Triq Patri Serafin Zarb, Pembroke. |
| 25 | 2023 | Med. Dev. Des. & Cons. Ltd. | Applikazzjoni għall-proġett - Project Green (St Patricks Garden) |
| 26 | 2023 | Mica Med | Jiġu rranġata 2 lampi dekorattivi Y165 fi Triq Normandy kantuniera ma' Triq il-Battalja ta' Malta u Y166 fi Triq Antonio Mallia. |
| 27 | 2023 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W054 fi Triq Dun Amabile Sisner. |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 28 | 2023 | B. Grima and Sons | Titneħħa kaxxa ta' parkeġġ minn quddiem Dar 28, Triq Mikiel Ang Grima minħabba li ma tkunx tista' tidħol u toħroġ mill-garaxx. |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**